PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru,1999.

Numru 58

Citaz. Nru 57/94 DS

Stephen Conti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' R. von Brockdorff Insurance Agency Limited, u din rapprezentanti s-socjeta' estera Commercial Union Assurance Company plc., surrogata kemm bil-polizza kif ukoll bil-ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Adrian Vella, u b'nota tal-5 ta' Marzu 1999 assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' R. von Brockdorff Insurance Agency Limited Stephen Conti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta' estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata kemm bil-polizza kif ukoll bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Adrian Vella<br>vs<br>George Zerafa

Illum, 10 ta' Dicembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Jannar 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Fit-13 ta' April 1993 xi l-11.30 a.m. waqt li Adrian Vella kien isuq car BMW Numru Z-0111 go tal-Qroqq fi triq gdida taghti ghal Regional Road, Santa Venera, huwa safa' involut f'incident awtomobbilistiku mat-trakk Numru V-7439 misjuq mill-konvenut (Dok. 1).

Il-vettura Numru Z-0111 kienet assikurata mal-attur nomine taht polza comprehensive u l-imsemmi Adrian Vella, bhala assikurat, ghamel claim lis-socjeta' assikurattrici in konnessjoni mal-incident de quo;

Id-danni tal-attur kienu jammontaw ghal total ta' tliet mija u ghaxar liri (Lm310) dovuti bhala risarciment tal-ammont li dan sborza a favur tal-assikurat tieghu biex thallsu l-ispejjes tat-tiswija tal-vettura numru Z-0111 u spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess attur nomine gie surrogat fid-drittijiet tal-assikurat taht polza comprhensive (Dok. 2 sa Dok. 6).

Ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Il-konvenut, interpellat jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici, baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur nomine.
2. Tillikwida d-danni tal-atturi nomine fis-somma ta' tliet mija u ghaxar liri (Lm310) jew is-somma verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tliet mija u ghaxar liri (Lm310) bhala risarciment tal-ammont li dan sborza a favur tal-assikurat tieghu biex thallsu l-ispejjez tat-tiswija tal-vettura Numru Z-0111

u spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess attur nomine gie surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu that il-polza comprehensive.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Ottubru 1993 u dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Ottubru 1993, u bl-imghax legali mis-26 ta' Ottubru 1993, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi huwa ma jahtix ghall-incident awtomobbilistiku "de quo" ghaliex huwa unikament responsabbli l-assikurat ta' l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Marzu 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Ottubru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li s-sewwieqa taz-zewg vetturi involuti f'din il-kollizjoni kienu wahedhom u t-tnejn xehdu dwar l-incident.

Adrian Vella, l-assikurat tas-socjeta' attrici u s-sewwieq tal-BMW n umru Z-0111, xehed li kien qed isuq fit-triq li mir-roundabout ta' Tal-Qroqq taghti ghal Santa Venera By-Pass kif kienet qabel ma saru t-tibdiliet ricenti. Kien qieghed isuq bi 25 m.f.s. fuq il-lane ta' gewwa qrib il-bankina. Ma' genbu fuq il-lane tieghu kien hemm trakk. Kif iz-zewg vetturi kienu qed iduru l-liwja, it-trakk tah daqqa fuq il-mudguard tal-lemin ta' wara u fuq it-tail lamp. Huwa waqaf aktar 'l isfel kif indikat fl-iskizz tal-Pulizija. Kif waqaf it-trakk wara l-incident kien qed jimblokka z-zewg lanes tant li t-traffiku ma

setax ighaddi. Ghalhekk xi pulizija tat-traffiku ndikaw il-pozizzjoni tat-trakk bil-gibs u wara dan iccaqlaq minn hemm.

Il-konvenut xehed li kien qed isuq it-trakk V-7439 gej mid-direzzjoni ta' San Gwann sejjer lejn l-Msida. Kien qabez ir-roundabout u kien fid-dritt ftit qabel ma taqbad in-nizla tal-Msida. Quddiemu kien hemm vetturi izda ma jafx ezatt warajh kienx hemm pero' jaf li kien hemm hafna traffiku. Kien qed isuq fuq il-kane ta' barra u kien wasal fil-liwja kif indikat fl-isketch. Ma setax idur komodament mas-side tieghu minhabba l-kobor tat-trakk. Mis-side mirror tax-xellug tieghu seta' jara kinux gejjin karrozzi u f'dak il-hin ma kinux gejjin. Ghalhekk genneb 'il gewwa biex biex ikun jista' jdur mal-kisra fit-triq. Lill-attur ma rah fl-ebda hin u fil-fatt sema' daqqa mal-bumper ta' quddiem in-naha tax-xellug u karrozza li baqghet niezla max-xellug tieghu u waqfet ftit distanza kif jidher fl-iskixx. Il-konvenut qal li waqaf mill-ewwel. Jahseb li r-rota ta' wara tax-xellug tal-karrozza ta' l-attur habtet mal-bankina ghax kienet kollha trab u ra l-hubcap tinqala'. Ma jidhirlux li sema' hoss ta' brakes ghax wara l-habta l-karrozza baqghet ghaddejja. Hu kien ghaddej bi speed baxx hafna. It-trakk li kien qed isuq kien fih aktar minn tletin pied tul.

In kontro-ezami xehed li f'Regional Road kien qed isuq fil-lane ta' gewwa pero' gibed fil-lane ta' barra meta gie ghar-roundabout. Dil-manuvra ghamilha sabiex meta jigi ghal-liwja jkun jista' jdur bil-kumdita'. Fil-liwja pero' bil-fors kellu jgenneb 'il gewwa biex jaghmel il-manuvra. Qal li ghalkemm xorta kien idur mal-liwja kieku baqa' fil-lane ta' gewwa, huwa hareg fil-lane ta' barra minhabba t-traffiku li kien hemm. Ghalkemm kien angolat meta ghamel il-manuvra xorta seta' jara kienx gej traffiku mix-xellug tieghu permezz tal-mera u fl-ebda hin ma lemah il-BMW. Zied ighid ukoll li seta' kien li l-hsara fir-rota tal-BMW grat minhabba li rassu pero' qal ukoll li l-BMW setghet tarah jimmanuvra u rass mieghu.

Xehed ukoll P.S. 441 Louis Micallef li nvestiga l-incident. Huwa kkonferma li meta mar fuq il-post it-trakk kien tnehha minn postu minhabba t-traffiku pero' xi pulizija tat-traffiku kienu ghamlu marki ta' fejn kien waqaf it-trakk. Ma setax jindika spot of impact. It-trakk kien kbir u gholi. Fl-okkorrenza kiteb li s-sewwieq tal-BMW qallu li waqt li kien isuq fil-kurva it-trakk laqtu filwaqt li s-sewwieq tat-trakk qallu li kif kien qed idur, il-BMW qalghet minn gewwa u sar l-impatt.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali ssottometta li l-fatturi importanti f'din il-kollizjoni kienu l-kobor tat-trakk u l-manuvra li ghamel il-konvenut fil-liwja.

Mhux kontestat li l-BMW kienet gejja mil-lane ta' gewwa u inoltre l-pozizzjoni taghha wara l-habta tindika li kienet fuq in-naha taghha tat-triq. Mill-banda l-ohra t-trakk kien fuq l-outer lane. Il-perit legali jghid li vettura ta' dak il-kobor ghandha tersaq fl-inner lane biex tiffacilita l-flow of traffic u jekk trid tbiddel lane u tidhol fi triq ohra ghandha taghmel dan bi prudenza u attenzjoni kbira minhabba l-kobor tahhha u l-periklu ghal traffiku li jkun miexi wara t-trakk.

Il-perit legali kompla jghid li jidher li l-konvenut ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu. Li ghalkemm m'hemmx dubju li kien qed isuq bil-mod ma jidhirx li ha hsieb it-traffiku ta' warajh kif kien obbligat li jaghmel u aktar ha hsieb ilo-kumdita' tieghu personali. Hu stess xehed li kien qed isuq fil-lane ta' gewwa pero' hareg fuq il-lane ta' barra biex idur mar-roundabout u jkun aktar komdu meta jasal ghal-liwja. Pero' xorta jistqarr li biex idur mal-liwja ried bil-fors jiggenneb fil-lane ta' gewwa altrimenti ma kienx idur. Ighid li ghalkemm seta' baqa' fil-lane ta' gewwa biex jaghmel il-manuvri kien hemm hafna traffiku u ghalhekk hareg fuq barra. Il-perit legali jikkummenta, fil-fehma tal-Qorti korrettement, li l-konvenut seta' baqa' fil-lane ta' gewwa u meta qabez il-liwja u gie fid-dritt naqqas l-ispeed sakemm ikun prudenti li jaqsam fuq il-lane ta' barra biex jigbed ghall-By-Pass ta' Santa Venera. Il-perit legali osserva wkoll korrettement li l-konvenut ha riskju fil-manuvra li kien qed jaghmel mal-liwja meta nvada iz-zewg karreggjati. Hu jghid li hares mill-mera u ma ra xejn u baqa' hiereg. Jista' jkun li hares pero' ma lemahx vettura biswitu fl-inner lane. Dan jista' jkun peress illi fl-angolatura li kellu t-trakk seta' jara traffiku lura minnu f'distanza izda giet krejata blind spot ghal vetturi li kienu jsuqu biswitu. It-trakk hu gholi hafna u vettura normali tkun fil-baxx u ghalhekk ma tintlemahx mis-side mirror meta tkun biswitu u di piu' angolat. Il-konvenut kien qed jimmanuvra vettura ikbar u ghalhekk kellu r-responsabbilta' kollha fuqu li fl-ebda hin ma jaghmel manuvri li jistghu jikkrejaw periklu lil traffiku iehor, kif fil-fatt gara. Bil-manuvra tieghu ssikka l-BMW u laqatha. Ghalhekk hu unikament responsabbli.

Il-Qorti tikkondividi pjenament il-konsiderazzjonijiet li ghamel il-perit legali li ghamel apprezzament tajjeb tal-provi migjuba. B'hekk il-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

L-attur nomine qieghed jitlob rizarciment tas-somma ta' Lm310 bhala danni. Dawn ma gewx kontestati u inoltre mid-dokumenti 2 sa 6 annessi mac-citazzjoni jirrizultaw gustifikati. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas dan l-ammont lill-attur nomine.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali,
2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm310, u
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine din is-somma ta' Lm310.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur